SEARCHLIGHTS . . .

Hemm, fil-berah tas-sema li jwaħħax,
x'intom tfittxu, ħosbiena, ja dwal?
Tiġri magħkom il-ħarsa taż-żgħażagħ,
l-ommijiet qegħdin jibżgħu mat-tfal!

Mhux bħal dari, l-mistrieħ biex tagħtina,
reġgħet niżlet, għidu intom, ix-xemx?
Għaliex, mela, f'dil-kesħa ħriġtuna?
M'hemmx mistrieħ, din il-lejla, le, m'hemmx?

Konna rqadna bil-għeja mifnija,
konna rqadna ma' wliedna bil-ġugħ,
konna rqadna ma' ħutna mirduma,
konna rqadna taħt saqaf miftuħ...

Għaliex, mela, mill-ġdid qajjimtuna?
Ġibtu l-ħobż biex inxebbgħu l-ulied?...
Xi tħabbrilna dijitkom fis-sema?
Sejra tieqaf dil-qerda li bdiet?...

Ma narawx fid-dawl tagħkom it-tama
li ttaffilna d-dmugħ tagħna u l-uġigħ,
Ma jdawwalx id-dawl tagħkom lil artna;
Tridu ddawlu s-smewwiet minn dal-qiegħ?...

Għax jien nibża' li l-bniedem q'ed jaħseb
li l-għerf tiegħu, bla tarf, ma jintemmx
U b'hekk tkabbar. Min jaf fejn sa jasal?...
Jithajjarx joħloq isbaħ mix-xemx?...

X'jiena ngħid? X'intom tfittxu? U... x'intilef?...
Ibqgħu fittxu, ibqgħu fittxu, ja dwal.
Tlifna l-Paċi... Meta aħna nsibuha,
intom titfu: u nifirħu mat-tfal!...

DUN FRANS CAMILLERI